1 ta' Frar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Maria Stella Hili et. *versus* Carmelo Cilia

## Aċċettazzjoni ta' Wirt — Krediti Ereditarji — Diviżjoni — Art. 896, 900, 909 u 987 tal-Kodiċi Ċivili

*Il-liġi tiddisponi illi meta l-werrieta ma jaqblux dwar jekk għandhomx jaċċettaw il-wirt jew jirrinunzjaw għalieħ, dak li jaċċetta jikseb waħdu l-jeddijiet kollha, u jieħu fuqu l-piżijiet kollha tal-wirt.*

*Imma din id-dispożizzjoni tipprevedi l-każ biss ta' werrieta li jkunu ħadu atteġġjament determinat dwar jekk jaċċettawx jew jirrinunzjawx għall-*

*eredità, u ma tikkontemplax il-każ ta' min ma jkunx għadu ma ħa ebda atteġġjament. Din l-inazzjoni mhijiex rinunzja; tant li fi żmien tletin sena l-eredità tista' dejjem tiġi aċċettata, salv ir-rimedju kontemplat mill-istess liġi, li biħ min hu msejjaħ għall-wirt jista' jiġi mġiegħel fi żmien li jiġi lilu prefiss mill-Qorti jiddikjara jekk jaċċettax jew le l-eredità, billi jiġi ritenut li huwa rrinunzja għall-wirt fin-nuqqas ta' dik id-dikjarazzjoni fiż-żmien hekk lilu prefiss. Għalhekk, f'dan iż-żmien, l-eredi li jkun aċċetta l-wirt ma jistgħax jippretendi li huwa waħdu jirrappreżenta l-wirt kollu, iżda biss ir-rata korrispondenti tal-"universum jus", kompriżi fiħ kull ażżjoni reali jew personali. Għalhekk ukoll huwa ma jistax jaġixxi għar-riskossjoni ta' kreditu ereditarju fl-interezza tiegħu.*

*Lanqas ma jista' dak il-werriet jaġixxi għar-riskossjoni ta' sehmu biss mill-kreditu ereditarju, avvolja b'liġi l-krediti ereditarji huma diviżibbli bejn l-eredi, jekk ma tkunx saret id-diviżjoni tal-wirt. Qabel ma ssir id-diviżjoni tal-wirt, l-eredi li jkunu aċċettaw l-eredità ma jistgħux jeżiġu sehemhom minn kreditu ereditarju; għax, forsi, fid-diviżjoni jista' jagħti każ li minn dak il-kreditu ma jmisshom ebda sehem.*

*Għaldaqstant, jekk uħud mill-eredi jkunu aċċettaw l-eredità, u jkun hemm eredi oħrajn li għadhom ma aċċettawx u lanqas irrinunzjaw l-eredità, dawk li aċċettaw il-wirt ma jistgħux jaġixxu kontra debitur tal-eredità biex jirriskwotu l-kreditu ereditarju kollu, kif lanqas jistgħu jaġixxu għal sehemhom minn dak il-kreditu jekk tkun għadha ma saretx id-diviżjoni tal-wirt.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u mogħtija l-provvedimenti neċessarji, peress li għaddew iżjed minn tliet snin minn mindu l-kuntratt publikat min-Nutar Carlo Micallef De Caro fil-5 ta' Jannar 1927, kif modifikat b'kuntratt ieħor tal-istess Nutar tal-4 ta' April 1928 (dok. A u B), seta' jirċievi l-eżekuzzjoni tiegħu; talbu li jiġu awtorizzati biex jipproċedu għall-eżekuzzjoni tal-istess kuntratt tal-1927 kif modifikat bl-ieħor tal-1928, biex jottjenu l-ħlas ta' £195. dovuti in kwantu għal £150 restituzzjoni ta' self u inkwantu għal £45 imgħax tas-6% għall-aħħar ħames snin mit-22 ta'

Ġunju 1954. Bl-imgħax ulterjuri mit-23 ta' Ġunju 1954 sal-ħlas effettiv tal-kapital, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Ġunju 1954;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssot-sometta (I) illi oltre l-atturi hemm eredi oħra ta' Giovanni u Michelina ġà konjuġi Cilia, u għalhekk l-instanti ma setgħux jitolbu f'isimhom proprju l-eżekuzzjoni tal-kuntratti in kwistjoni għar-rigward tal-ammont intier imsemmi f'dawk il-kuntratti; (2) illi, fil-meritu,.........;

Rat il-verbal tat-13 ta' April 1956 (fol. 13), fejn "inter alia" l-konvenut ikkwalifika l-ewwel eċċezzjoni tiegħu fis-sens illi l-atturi jistgħu jaġixxu biss għall-kwota tagħhom mill-kreditu, billi l-krediti ereditarji huma fihom innfishom diviżibbli bejn l-eredi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;

Illi mhux kontestat li barra mill-atturi, Giovanni u Michelina ġa miżżewġin Cilia ħallew ulied oħra, fosthom il-konvenut, li, in segwitu għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fid-19 ta' Jannar 1956 fil-kawża fl-istess ismijiet, ma għamel ebda dikjarazzjoni rigward l-eredità tal-imsemmijin ġenituri tiegħu, u b'hekk, skond l-art. 909 tal-Kodiċi Ċivili għandu jiftiehem li rrinunzja għal dik l-eredità;

Illi lanqas jidher kontestat, u del resto jirriżulta anki mill-kawża l-oħra ġà deċiża, li l-imsemmijin miżżewġin Cilia, barra l-atturi u l-konvenut, kellhom żewġ ulied oħra, Giorgio u Emmanuele, li huma miegħu;

Illi lanqas huwa kontestat li l-istess miżżewġin Cilia mietu b'testment, fejn innominaw eredi anki lill-imsemmijin Giorgio u Emmanuele Cilia, kif jirriżulta fil-kawża l-oħra fuq riferita; u għalhekk dawk l-ulied l-oħra, barra l-kon-

venut, il-lum rinunzjant, jinsabu msejħin għall-wirt, li jikkomprendi anki l-kreditu in kwistjoni, u li attwalment għadu ndiviż;

Illi dawk l-imsejħin l-oħra għall-wirt għad għandhom id-dritt li jaċċettaw dak il-wirt, u b'hekk ikollhom sehem minn dak il-kreditu;

Illi għal dan ir-rigward il-konvenut, apparti l-kwistjoni fil-meritu, jirrikonoxxi li l-atturi jistgħu jaġixxu u jeżiġu l-kwota tagħhom *mill-kreditu in kontestazzjoni*, in vista tal-prinċipju illi l-krediti ereditarji huma fihom infishom diviżibbli bejn l-eredi (ara verbal fol. 13); mill-banda l-oħra, l-atturi fit-trattazzjoni orali sostnew li attwalment huma, bħala uniċi aċċettanti l-wirt, jirrappreżentaw il-wirt kollu, kif jinsab dispost fl-art. 896 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi skond l-art. 896 ġa' ċitat, "meta l-werrieta ma jaqblux dwar jekk għandhomx jaċċettaw il-wirt jew jirrinunzjaw għalieħ, dak li jaċċetta jikseb waħdu l-jeddijiet kollha, u jieħu fuqu l-piżijiet kollha tal-wirt". Din id-dispożizzjoni tipprevedi l-każ biss ta' werrieta li jkunu ħadu "atteġġjament determinat" dwar jekk jaċċettawx jew jirrinunzjaw għall-eredità, iżda ma *tikkontemplax il-każ ta' min ma jkun* għadu ħa ebda atteġġjament. Dina l-inazzjoni mhijiex rinunzja; tant illi l-eredità tista' tiġi aċċettata fi żmien tletin sena (art. 900 Kod. Ċiv.), salv dejjem ir-rimedju kontemplat fl-art. 909 (Kod. ċit.). Għalhekk, f'dan iż-żmien l-eredi li jkun aċċetta l-wirt ma jirrappreżentax waħdu l-wirt kollu, *iżda biss ir-rata korrispondenti tal-"universum jus"*, kompriżi fiħ kull azzjoni reali u personali;

Il-Pacifici Mazzoni, a propożitu, josserva:— "L'astenersi dall'accettare non equivale punto a rinunzia, salvo il caso dell'articolo 951 (analogu għall-art. 909 tal-Kodiċi Ċivili Malti). *Ei deve attendere la rinunzia dei suoi co*-eredi, o la loro decadenza dalla facoltà di accettare, perchè si faccia luogo a favor suo dell'accrescimento o alla devo-

luzione delle parti rimaste vacanti; divenuto allora unico erede universale, potrà chiedere tutta l'eredità" (Successioni V, §113);

Din l-interpretazzjoni tidher suffragata wkoll mill-konsiderazzjoni illi, barra mill-każ tal-art. 909 fuq ċitat, ir-rinunzja tal-eredità għandha dejjem tkun espressa, u qatt preżunta (art. 901 Kod. Ċiv.). Del resto, u sussidjarjament, ta' min jinnota li l-art. 940 (Kod. Ċiv. Taljan), li jikkorrispondi għall-art. 896 tal-Kodiċi Tagħna, jiddisponi illi, fil-każ previst li l-eredi ma jaqblux, "quello che accetta acquista solo tutti i diritti e soggiace a tutti i pesi dell'eredità, rimanendovi estraneo il rinunziante"; u b'hekk juri li jrid ikun hemm rinunzja, li anki skond il-liġi taljana (art. 944) trid tkun espressa. Dan ukoll huwa l-intendiment tad-dottrina. Jgħid Ricci:— "L'eredità adunque del decujus non si divide nella supposta ipotesi, ma per intero si acquista dal coerede, quando l'altro abbia dichiarato di non accettarla" (Diritto Civile, Vol. IV, §14);

Illi, għalhekk, il-pretensjoni tal-atturi mhix aċċettabbli;

Illi lanqas ma hija aċċettabbli l-pretensjoni tal-konvenut, jiġifieri illi l-atturi jistgħu jaġixxu biss għall-kwota tagħhom tal-kreditu. Normalment, id-diviżibilità tal-krediti ereditarji tiġi deżunta mill-art. 819 (2) Kodiċi Ċivili. Iżda din id-dispożizzjoni trid tiftiehem b'mod konċiljativ mad-dispożizzjonijiet l-oħra f'materja suċċessorja, fosthom dik tal-art. 541 Kod. Ċiv., li tirrigwarda l-formazzjoni tal-kwoti f'każ ta' diviżjoni ta' ħwejjeġ komuni, applikabbli anki għad-diviżjoni tal-wirt (art. 948 Kod. ċit. ), mnejn jidher illi f'kull sehem għandha tidħol l-istess kwantità ta' ħwejjeġ mobili, immobili, jeddijiet jew krediti, tal-istess xorta u tal-istess valur. Issa, mhux konċepibbli li, jekk il-krediti huma diviżibbli "ipso jure", u kull werriet jikkonsegwixxi l-kwota tiegħu immedjatament, mbgħad fid-diviżjoni jkollu jerġa' jġib lura dak il-kreditu biex jerġa jidħol fil-massa in diviżjoni. Ebda argument ma jista' jittieħed mill-art. 987 (Kod.

Ċiv.), jiġifieri li "kull wieħed mill-werrieta hu magħdud suċċessur waħdu u dirett fil-beni kollha li jagħmlu s-sehem tiegħu"; għaliex dan isir b'effett tad-diviżjoni, kif jidher mill-istess rubrika. U ma jistax ikun diversament; għaliex il-werrieta ma jistgħux ikunu jafu x'sustanzi speċifiċi sejrin imisshom qabel id-diviżjoni; u jista' jiġri li xi uħud minnhom, minħabba d-dejn jew xi raġuni oħra, ma jmisshom xejn; u konsegwentement, qabel ma ssir id-diviżjoni tal-wirt (li fil-każ tagħna għadha ma saretx), l-atturi ma jistgħux jeżiġu sehemhom mill-kreditu in kwistjoni li, forsi, fid-diviżjoni ma jmisshom ebda parti minnu;

F'dan ir-rigward hu xieraq li jiġi riprodott l-insenjament maġistrali ta' Giuseppe Piola fil-monografija tiegħu dwar "Le Azioni Ereditarie". Huwa jirrijassumi hekk it-teorija f'din il-materja:— "E' d'uopo riconoscere che, atteso il carattere dichiarativo che nel diritto moderno ha la divisione, i crediti e le azioni non si dividono di pieno diritto fra i coeredi, ma fanno parte della comunione ereditaria per essere divisi a suo tempo come le altre cose. Infatti il credito, l'azione, è una cosa singola di spettanza del patrimonio del decujus come qualunque altra cosa materiale, sulla quale i coeredi non possono avere diritti diversi da quelli che loro competono sulle altre cose tutte. E siccome ai singoli coeredi compete fin dall'apertura della successione un diritto esclusivo sulle cose in genere o sopra una loro parte pro diviso, in quanto le cose stesse siano loro assegnate nella divisione, così in tanto ad essi può competere un diritto esclusivo sui crediti e le azioni, o sopra una parte pro diviso di ciascun credito e di ciascuna azione, in quanto una tale assegnazione venga ad essi fatta" (Digesto Italiano, "Azioni Ereditarie", §24, paġ. 598 u 599);

Għal dawn il-motivi;

Tilliberα lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju. L-ispejjeż, in vista speċjalment tad-delikatezza tal-kwistjonijiet involuti, jibqgħu mingħajr taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-atturi.